SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

4 ta' Lulju 2024*

"Appell – Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Rapport ta' evalwazzjoni – Obbligu ta' motivazzjoni – Dmir ta' premura – Rikors għal annullament u għad-danni"

Fil-Kawża C-5/23 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fil-5 ta' Jannar 2023,

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), irrappreżentat inizjalment minn G. Predonzani u K. Tóth, sussegwentement minn K. Tóth, bħala aġenti,

rikorrent,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

KD, irrappreżentata minn D.A. Pappa, dikigoros, A. Pappas, u S. Pappas, avukati,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn O. Spineanu-Matei, Presidenta tal-Awla, J.-C. Bonichot (Relatur) u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tiegħu, l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Ottubru 2022, KD vs EUIPO (T-298/20, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2022:671), li permezz tagħha din annullat ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' KD għall-proċedura ta' evalwazzjoni 2019 (iktar 'il quddiem ir-"rapport kontenzjuż").

Il-kuntest ġuridiku

Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea

2 L-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal" jipprevedi:

"L-abilità, l-effiċjenza u l-imġiba fis-servizz ta' kull uffiċjal għandhom ikunu suġġetti għal rapport annwali kif previst mill-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni skont l-Artikolu 110. Dak ir-rapport għandu jiddikjara jekk il-livell ta' prestazzjoni tal-uffiċjal kienx sodisfaċenti jew le. L-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni għandha tistabbilixxi d-disposizzjonijiet li jagħtu d-dritt għal appell fi ħdan il-proċedura ta' rappurtar, li għandu jiġi eżerċitat qabel ma jitressaq ilment kif imsemmi fl-Artikolu 90(2).

Mill-grad AST 5, ir-rapport jista' wkoll ikun fih opinjoni jekk l-uffiċjal, fuq il-bażi tal-prestazzjoni tiegħu, għandux il-potenzjal biex iwettaq il-funzjoni ta' amministratur.

Ir-rapport għandu jkun ikkomunikat lill-uffiċjal. Għandu jkun intitolat li jagħmel kwalunkwe kumment fuqhom li huwa jikkonsidra rilevanti."

3 L-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Kull persuna li japplikaw għaliha dawn ir-Regolamenti tal-Persunal tista' tibgħat ilment lill-awtorità tal-ħatra kontra att li taffettwah [jaffettwaha] ħażin, kemm jekk l-imsemmi awtorità ħadet deċiżjoni, jew fejn naqset li tadotta miżura preskritta mir-Regolamenti tal-Persunal. L-ilment irid isir fi żmien tliet xhur. Il-perjodu jibda:

– fid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-att jekk huwa miżura ta' natura ġenerali;

– fid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-persuna kkonċernata, iżda fl-ebda każ mhux aktar tard mid-data meta […] dan ta' l-aħħar irċieva t-tali notifika, jekk il-miżura taffettwa persuna speċifika; madankollu, jekk att li jaffettwa persuna speċifikata wkoll fih ilment kontra persuna oħra, il-perjodu jibda dwar dik il-persuna l-oħra fid-data meta tirċievi n-notifika tagħha iżda fl-ebda każ mhux aktar tar mid-data tal-pubblikazzjoni;

– fid-data meta jiskadi l-perjodu preskritt għat-tweġiba fejn l-ilment t[j]ikkonċerna deċiżjoni taċita li ma tilqax talba kif ipprovdut fil-paragrafu 1.

L-awtorità għandha tavża l-persuna kkonċernata bid-deċiżjoni rraġunata tagħha fi żmien erbgħa xhur mid-data ta' meta jsir l-ilment. Jekk fl-aħħar ta' dak il-perjodu ma tasal l-ebda tweġiba għall-ilment, din titqies li tikkostitwixxi deċiżjoni taċita li ma taċċettahiex, li kontriha jista' jsir appell taħt l-Artikolu 91."

4 L-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal huwa fformulat kif ġej:

“1. Id-dispożizzjonijiet ġenerali li jimplimentaw dawn ir-Regolamenti tal-Persunal għandhom jiġu adottati mill-awtorità tal-ħatra ta’ kull istituzzjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Persunal u mal-Kumitat dwar ir-Regolamenti tal-Persunal.

2. Ir-regoli ta’ implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni [Ewropea] biex jiddaħħlu fis-seħħ dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, fosthom id-dispożizzjonijiet ġenerali ta’ implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, għandhom japplikaw ukoll għall-aġenziji. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-aġenziji bi kwalunkwe regola ta’ implimentazzjoni minnufih wara l-adozzjoni.

Dawn ir-regoli ta’ implimentazzjoni għandhom jidħlu fis-seħħ għall-aġenziji disa’ xhur wara li jidħlu fis-seħħ għall-Kummissjoni jew disa’ xhur wara d-data meta l-Kummissjoni tinforma lill-aġenziji dwar l-adozzjoni tar-regola ta’ implimentazzjoni rispettiva tagħhom, liema waħda tkun l-aktar tard. Minkejja dan li għadu kif issemma, aġenzija tista’ wkoll tiddeċiedi li tali regoli ta’ implimentazzjoni għandhom jidħlu fis-seħħ f’data qabel.

Permezz ta’ deroga, qabel ma jiskadi l-perjodu ta’ disa’ xhur imsemmi fit-tieni subparagrafu ta’ dan il-paragrafu u wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Persunal tagħha, aġenzija tista’ tressaq regoli ta’ implimentazzjoni differenti minn dawk adottati mill-Kummissjoni sabiex din tal-aħħar tkun tista’ tapprovahom. Bl-istess kondizzjonijiet, aġenzija tista’ titlob il-ftehim tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta’ applikazzjoni ta’ dawk ir-regoli ta’ implimentazzjoni. F’dan il-każ, minflok ma taċċetta jew tirrifjuta t-talba, il-Kummissjoni tista’ titlob lill-aġenzija tressaq għall-approvazzjoni tagħha regoli ta’ implimentazzjoni li jkunu differenti minn dawk adottati mill-Kummissjoni.

Il-perjodu ta’ disa’ xhur imsemmi fit-tieni subparagrafu ta’ dan il-paragrafu għandhom jiġu sospiżi mid-data minn meta l-aġenzija titlob il-ftehim tal-Kummissjoni sad-data meta l-Kummissjoni tesprimi l-pożizzjoni tagħha.

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Persunal, aġenzija tista’ tressaq għall-ftehim tal-Kummissjoni r-regoli ta’ implimentazzjoni li jikkonċernaw suġġetti oħrajn u mhux ir-regoli ta’ implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni.

Għall-finijiet tal-adozzjoni tar-regoli ta’ implimentazzjoni, l-aġenziji għandhom jiġu rrappreżentati mill-bord amministrattiv jew minn korp ekwivalenti msemmi fl-att tal-Unjoni dwar it-twaqqif tagħhom.

3. Għall-finijiet tal-adozzjoni tar-regoli bil-ftehim bejn l-istituzzjonijiet, l-aġenziji m’għandhomx jitqiesu bħala istituzzjonijiet. Madanakollu, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-aġenziji qabel l-adozzjoni ta’ dawk ir-regoli.

4. Ir-regoli jdaħħlu fis-seħħ dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, inklużi d-dispożizzjonijiet ġenerali ta’ implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, u r-regoli adottati permezz tal-ftehim bejn l-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjonijiet għandhom jitressqu għall-informazzjoni tal-persunal.

5. Id-dipartimenti amministattivi tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji għandhom jikkonsultaw ma’ xulxin regolarment dwar l-applikazzjoni ta’ dawn ir-Regolamenti tal-Persunal. F’dawk

il-konsultazzjonijiet l-aġenziji għandhom ikunu rrappreżentati b'mod konġunt, skont ir-regoli li għandhom ikunu stabbiliti bejniethom.

6. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tamministra reġistru tar-regoli adottati mill-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni għad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, u dawk ir-regoli adottati mill-aġenziji safejn jidderogaw mir-regoli adottati mill-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura prevista fil-paragrafu 2, inkluża kwalunkwe emenda għal dawn. L-istituzzjonijiet u l-aġenziji jkollhom aċċess dirett għal dak ir-reġistru u d-dritt sħiħ li jemendaw ir-regoli tagħhom stess. L-Istati Membri għandu jkollhom aċċess dirett għalih. Barra minn hekk, kull tliet snin, il-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-regoli adottati mill-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni għad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal."

Id-DGE 43

5 Sabiex jimplimenta l-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-EUIPO tapplika d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2013) 8985 final, tas-16 ta' Diċembru 2013, dwar id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni tal-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal u r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 44 tar-Regolamenti tal-Persunal (iktar 'il quddiem id-"DGE 43") L-Artikolu 7 tad-DGE 43 jipprevedi:

"1. Ir-rifjut motivat tar-rapport mid-detentur tal-kariga […] iwassal għal riferiment awtomatiku lill-evalwatur tal-appell. […]

[…]

3. F'terminu ta' għoxrin jum tax-xogħol mid-data tar-rifjut motivat tar-rapport u wara d-djalogu previst fil-paragrafu 2, l-evalwatur tal-appell għandu jikkonferma r-rapport jew jemendah billi jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu.

[…]

4. Wara d-deċiżjoni tal-evalwatur tal-appell, ir-rapport isir definittiv. […]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Il-fatti li wasslu għall-kawża

6 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma esposti fil-punti 2 sa 14 tas-sentenza appellata kif ġej:

"2. Fis-16 ta' Lulju 2015, [KD, ir-rikorrenti fl-ewwel istanza,] daħal fis-servizz tal-[EUIPO] bħala membru tal-persunal temporanju għal perijodu ta' ħames snin, bis-saħħa tal-Artikolu 2(f) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea […] Hija ġiet assenjata fid-dipartiment 'Akkademja' tal-EUIPO.

3 Fil-15 ta' Frar 2016, ir-rikorrenti nħatret kap ta' tim.

4 Mill-2015, ir-rikorrenti ltaqgħet ma' diffikultajiet personali u problemi ta' saħħa. Dawn tal-aħħar kienu jeħtieġu [*kunfidenzjali*]. Ir-rikorrenti bbenefikat ukoll minn [*kunfidenzjali*].

5 F'nofs is-sena 2019, ir-rikorrenti ġiet innotifikata b'rapport ta' monitoraġġ ta' nofs is-sena. Din tal-aħħar tindika b'mod partikolari li hija 'laħqet l-għanijiet tagħha sa T 2, bl-eċċezzjoni tal-implimentazzjoni tal-bank ta' talenti […] (pendenti minħabba problemi marbuta mal-protezzjoni tad-*data*) u IPDentical (sejħa għal offerti pendenti)', li hija 'komda fir-rwol ta' kap ta' tim' u li hija 'kienet attiva u orjentata ħafna fuq ir-riżultati matul [l-ewwel] semestru [tas-sena 2019]'.

6 F'Lulju 2019, sar djalogu bejn ir-rikorrenti u l-amministrazzjoni.

7 Fit-3 ta' Frar 2020, saret l-intervista ta' evalwazzjoni tar-rikorrenti għas-sena 2019.

8 Fil-11 ta' Marzu 2020, ir-rikorrenti rċeviet ir-rapport kontenzjuż.

9 Ir-rapport kontenzjuż jibda b'taqsimiet intitolati 'Informazzjoni ġenerali', 'Informazzjoni dwar l-impjegat', 'Djalogu ta' evalwazzjoni' u 'Osservazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż ix-xogħol mid-dar (jekk applikabbli)'. L-intestatura li ġejja, intitolata 'Evalwazzjoni tal-għanijiet', 'tinkludi l-evalwazzjoni tar-riżultati miksuba, inkluża l-kwalità tax-xogħlijiet imwettqa u l-impenn tal-persuna li tokkupa l-kariga u l- [indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni] stabbiliti għall-perijodu kopert minn din l-evalwazzjoni'. Din it-taqsima tkopri għanijiet ta' tim, li kull wieħed minnhom huwa akkumpanjat minn deskrizzjoni tal-kontribuzzjoni individwali tar-rikorrenti, tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, tal-qasam strateġiku kkonċernat u tal-evalwazzjoni 'Għan milħuq'. L-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-għan intitolat 'L-istabbiliment ta' attivitajiet u proġetti definiti u approvati [Pjan Strateġiku 2020] u [programm ta' xogħol annwali]' jinkludu l-istabbiliment, fl-ewwel trimestru, tal-bank tat-talenti. Isegwu l-'Osservazzjonijiet ġenerali dwar l-għanijiet', li fil-kuntest tagħhom ikun indikat li r-rikorrenti "laħqet il-parti l-kbira tal-għanijiet stabbiliti", madankollu l-implimentazzjoni tal-bank tat-talenti ġiet ittardjata minħabba problemi ta' protezzjoni tad-*data*.

10 It-Taqsima li ġejja hija intitolata 'Kondotta fis-servizz'. Din it-taqsima tindika li r-rikorrenti '[t]indirizza totalment l-aspettattivi', 'tinteraġixxi sew mal-kollegi tagħha b'mod dirett, ħieles u onest' u 'hija kapaċi tilħaq meta jkun meħtieġ kompromess'.

11 L-intestatura li ġejja, intitolata 'Evalwazzjoni tal-kompetenzi', tinkludi 'l-evalwazzjoni tal-kompetenzi tad-detentur tal-pożizzjoni b'rabta mal-kompetenzi meħtieġa mill-grupp ta' funzjonijiet u grad tagħha'. Din l-intestatura tkopri disa' kompetenzi. Għal kull waħda minnhom, ir-rapport kontenzjuż isemmi l-livell meħtieġ, li jikkorrispondi għan-nota li l-EUIPO jistenna mill-persuna li tokkupa l-kariga, u l-marka effettivament miksuba. L-iskala ta' evalwazzjoni tal-EUIPO għandha diversi livelli, fosthom 'fi żvilupp' (1), 'adegwat' (2) u 'avvanzat' (3).

12 Ir-rikorrenti kisbet il-marka meħtieġa ta' 3 għal sitt kompetenzi. Għal kompetenza oħra, hija kisbet marka ta' 3, ogħla mill-marka meħtieġa ta' 2. Għall-kuntrarju, għall-kompetenzi 'Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni' u 'Reżiljenza', ir-rikorrenti kisbet il-marka ta' 2, filwaqt li dik meħtieġa kienet ta' 3. L-'osservazzjonijiet ġenerali dwar il-kompetenzi' jispjegaw li hija 'tikteb malajr, b'mod ċar u korrett' u għandha 'livell serju ta' għarfien fil-qasam akkademiku u tinkludi l-implikazzjonijiet ta' dan l-għarfien fil-livell tal-[EUIPO]'. Dawn l-osservazzjonijiet jippreċiżaw, madankollu, fir-rigward tal-'Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni' [tagħha], [li], f'xi okkażjonijiet, tfakkarha li tosserva l-iskadenzi u li tantiċipa'.

13 L-intestaturi li ġejjin huma intitolati ‘Evalwazzjoni tal-programm ta’ żvilupp’ u ‘Marka ta’ evalwazzjoni ġenerali’. Għal din tal-aħħar, l-evalwazzjoni attribwita lir-rikorrenti tkun ‘CLR’ jew ‘tikkorrispondi għal-livell meħtieġ għall-kariga okkupata’, jiġifieri l-livell ta’ qabel l-aħħar fl-iskala tal-evalwazzjoni ġenerali ta’ sitt livelli tal-EUIPO u livell sodisfaċenti fis-sens tal-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal […] Din il-marka hija segwita mill-‘kummenti ta’ evalwazzjoni ġenerali tas-superjur ġerarkiku’ li ġejjin:

‘Minbarra dak li ġie fformulat fid-djalogu f’Lulju, u matul it-tieni semestru, [ir-rikorrenti] laħqet l-għanijiet tagħha. [Ir-rikorrenti] hija amministratriċi u għandha titqies bħala mudell għall-persunal tal-Akkademja billi turi l-kompetenzi adegwati, billi tantiċipa l-kompiti, billi tagħmel sforz kontinwu sabiex iżżomm u tipprovdi livell għoli ta’ provvisti u billi tfittex li ttejjeb il-kwalità fuq bażi kontinwa. F’dan il-kuntest, u f’xi okkażjonijiet, wieħed kellu jiftakar li josserva l-iskadenzi u juri l-proattività li hija kapaċi tagħmel.’

14 Fl-1 ta’ April 2020, l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta’ reklutaġġ […] innotifikat lir-rikorrenti bid-deċiżjoni tagħha li ma jiġġeddidx il-kuntratt tagħha […]. F’din id-deċiżjoni, [l-imsemmija awtorità] ippreċiżat li ħadet inkunsiderazzjoni r-rapport kontenzjuż.” [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

7 Permezz ta’ att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-22 ta’ Mejju 2020, KD ippreżentat rikors intiż, minn naħa, għall-annullament tar-rapport kontenzjuż u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu morali li hija ġarrbet minħabba dan ir-rapport.

8 Insostenn tar-rikors tagħha, hija invokat tliet motivi. Dawn il-motivi kienu bbażati, essenzjalment, l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-obbligu ta’ motivazzjoni u tad-drittijiet tad-difiża kif ukoll fuq żball ta’ fatt, it-tieni wieħed, fuq żbalji manifesti ta’ evalwazzjoni u, it-tielet wieħed, fuq ksur tad-dmir ta’ premura.

9 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali annullat ir-rapport kontenzjuż minħabba nuqqas ta’ motivazzjoni, żball ta’ fatt u ksur tad-dmir ta’ premura.

10 L-ewwel nett, hija kkonstatat li l-evalwatur ma kienx immotiva l-marka li kien ta lil KD fir-rigward tal-kompetenza “Resiljenza”.

11 It-tieni nett, hija kkunsidrat li l-evalwatur ma kienx stabbilixxa r-realtà tat-tfakkiriet għall-osservanza tal-iskadenzi li kienu ntbagħtu lil KD matul il-perijodu ta’ referenza.

12 It-tielet nett, hija qieset li l-evalwatur kien naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni l-problemi ta’ saħħa ta’ KD li kien jaf bihom u li kienu komplew matul il-perijodu ta’ referenza, bi ksur tad-dmir ta’ premura tagħha.

13 Għall-kuntrarju, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-annullament tar-rapport kontenzjuż kien jikkostitwixxi fih innifsu l-kumpens adegwat u suffiċjenti għad-danni allegati u ċaħdet it-talbiet għal kumpens.

It-talbiet tal-partijiet fl-appell

14 L-EUIPO jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tiċħad ir-rikors għal annullament bħala inammissibbli jew bħala infondat, jew, sussidjarjament, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċedura tal-appell u tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

15 KD titlob li l-appell jiġi miċħud u li l-EUIPO jiġi kkundannat għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

16 Insostenn tal-appell tiegħu, l-EUIPO iqajjem erba' aggravji. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal, moqri flimkien mal-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq żbalji ta' liġi dwar in-natura legali tal-fajl prattiku dwar l-evalwazzjonijiet, il-ksur issanzjonat tal-obbligu ta' motivazzjoni u l-konsegwenzi li jirriżultaw minnu. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq l-iżnaturament tal-fatti u l-evalwazzjoni żbaljata tal-provi. Ir-raba' aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tad-dmir ta' premura u fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni mill-Qorti Ġenerali.

Fuq l-ewwel aggravju

L-argumenti tal-partijiet

17 Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-EUIPO jsostni li l-Qorti Ġenerali wettqet, fil-punti 23 sa 31 tas-sentenza appellata, żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal, moqri flimkien mal-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal, meta kkonkludiet li l-ammissibbiltà ta' rikors kontra rapport ta' evalwazzjoni ma hijiex suġġetta għall-eżawriment tar-rimedji nazzjonali. Huwa jsostni li l-Artikolu 7 tad-DGE 43, li jiġi applikabbli għalih b'analoġija bis-saħħa tal-Artikolu 110(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, jimponi wkoll fuq l-uffiċjal jew fuq il-membru tal-persunal li jkun jixtieq jikkontesta r-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu l-obbligu li jippreżenta rikors intern minn qabel.

18 KD tqis li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

19 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, fid-dawl tan-natura tar-rapport ta' evalwazzjoni previst fl-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal, li jesprimi l-opinjoni liberament ifformulata mill-evalwaturi, u mhux l-evalwazzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, il-preżentata ta' lment formali, fis-sens tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, ma hijiex prerekwiżit neċessarju

għall-preżentata ta' rikors kontenzjuż dirett kontra tali att. Appell huwa għalhekk disponibbli mill-mument li fih ir-rapport ta' evalwazzjoni jista' jitqies bħala finali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Lulju 1980, Grassi vs Il-Kunsill, 6/79 u 97/79, EU:C:1980:178, punt 15).

20 Madankollu, l-EUIPO jsostni li din il-ġurisprudenza ma tipprekludix lill-Awtorità tal-Ħatra milli tistabbilixxi rimedju intern li l-uffiċjal jew il-membru tal-persunal li jkun irid jikkontesta l-evalwazzjoni tiegħu għandu jeżerċita qabel ma jkun jista' jadixxi lill-qorti.

21 L-EUIPO jqis li tali kompetenza hija mogħtija lill-Awtorità tal-Ħatra permezz tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal, li jipprovdi, fl-aħħar sentenza tiegħu, li "[l]-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni għandha tistabbilixxi d-disposizzjonijiet li jagħtu d-dritt għal appell fi ħdan il-proċedura ta' rappurtar, li għandu jiġi eżerċitat qabel ma jitressaq ilment kif imsemmi fl-Artikolu 90(2)".

22 Madankollu, tali interpretazzjoni ma tistax tintlaqa'. Fil-fatt, għalkemm l-aħħar sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 43(1) tar-Regolamenti tal-Persunal tipprevedi li l-Awtorità tal-Ħatra ta' kull istituzzjoni għandha tadotta d-dispożizzjonijiet li jipprevedu d-dritt li jiġi ppreżentat, fil-kuntest tal-proċedura ta' evalwazzjoni, rimedju intern, din bl-ebda mod ma tipprovdi li l-eżerċizzju ta' tali rimedju huwa obbligu għall-uffiċjal jew għall-membru tal-persunal.

23 Konsegwentement, l-Artikolu 7 tal-DGE 43, li permezz tiegħu l-Kummissjoni, li timplimenta l-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal, stabbilixxiet il-kundizzjonijiet li fihom l-uffiċjal jew il-membru tal-persunal jista' jippreżenta rimedju intern kontra r-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu, lanqas ma jista' jiġi interpretat bħala li jistabbilixxi kundizzjoni preliminari għall-preżentata ta' rikors kontenzjuż.

24 Barra minn hekk, il-Kummissjoni marret lil hinn mill-kompetenza mogħtija lilha mill-Artikolu 110(1) tar-Regolamenti tal-Persunal li tadotta d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal jekk, meta stabbilixxiet l-Artikolu 7 tad-DGE 43, hija kienet żiedet mal-kundizzjonijiet speċifiċi ta' aċċess għall-qorti tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal previsti fl-Artikoli 90(2) u 91 ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal.

25 Konsegwentement, l-EUIPO ma huwiex fondat meta jsostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li KD setgħet tippreżentah b'rikors kontenzjuż mingħajr ma tkun eżerċitat minn qabel r-rimedju intern previst fl-Artikolu 7 tad-DGE 43.

26 Għalhekk, l-ewwel aggravju tal-appell għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni aggravju

L-argumenti tal-partijiet

27 Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-EUIPO jsostni li l-Qorti Ġenerali vvizzjat is-sentenza appellata bi żbalji ta' liġi billi qieset li l-evalwatur ta' KD kien naqas milli jwettaq l-obbligu ta' motivazzjoni tiegħu billi astjena milli jispjega għaliex KD kienet ingħatat marka inferjuri għall-marka meħtieġa għall-kompetenza "Reżiljenza" u li dan il-ksur kien jiġġustifika l-annullament tar-rapport kontenzjuż.

28 Fl-ewwel lok, l-EUIPO jikkritika l-affermazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li tinsab fil-punt 67 tas-sentenza appellata, li l-fajl prattiku dwar l-evalwazzjonijiet jipprevedi, fil-punt 3.5.5 tal-Anness A tiegħu, regola imperattiva ta' natura obbligatorja għall-evalwaturi. Skont l-EUIPO, dan il-fajl prattiku la jikkostitwixxi att ġuridiku u lanqas sett ta' regoli ta' kondotta, iżda jipprovdi biss indikazzjonijiet u kummenti għall-applikazzjoni tal-Artikoli 43 u 44 tar-Regolamenti tal-Persunal u tad-DGE 43. Minn dan l-EUIPO jikkonkludi li n-nuqqas ta' osservanza tar-rakkomandazzjoni, stabbilita fil-punt 3.5.5 tal-Anness A tal-imsemmi fajl prattiku, li tipprovdi spjegazzjonijiet meta l-kompetenzi jiġu evalwati f'livell inferjuri għall-marka meħtieġa, ma jivvizzjax ir-rapport kontenzjuż b'difett ta' motivazzjoni, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 79 u 80 tas-sentenza appellata.

29 Fit-tieni lok, l-EUIPO jqis li r-rakkomandazzjoni lill-evalwaturi li tinsab fil-punt 3.5.5 tal-Anness A tal-fajl prattiku dwar l-evalwazzjonijiet teċċedi r-rekwiżiti ta' motivazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni li jirriżultaw mill-ġurisprudenza. Ir-rapport ta' evalwazzjoni m'għandux għalfejn jagħti spjegazzjoni eżawrjenti tal-provvisti tal-membru tal-persunal, iżda biss sabiex jippreżenta l-elementi determinanti.

30 Fit-tielet lok, l-assenza ta' spjegazzjoni fir-rapport kontenzjuż tal-marka miksuba taħt il-kompetenza "Reżiljenza" ma kellhiex impatt fuq l-evalwazzjoni ta' KD li jiġġustifika l-annullament ta' dan ir-rapport.

31 KD tqis li t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

32 Fl-ewwel lok, l-EUIPO jsostni li r-regola stabbilita fil-punt 3.5.5 tal-Anness A tal-fajl prattiku dwar l-evalwazzjonijiet, li tgħid li l-evalwatur jipprovdi spjegazzjonijiet meta kompetenza waħda jew iktar jiġu evalwati taħt il-livell meħtieġ, ma għandhiex portata obbligatorja, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 67 tas-sentenza appellata.

33 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta istituzzjoni tadotta regoli ta' kondotta indikattivi għall-intenzjoni tal-amministrazzjoni u meta hija tħabbar, permezz tal-pubblikazzjoni tagħhom, li hija ser tapplikahom minn hemm 'il quddiem għall-każijiet ikkonċernati minnhom, din l-istituzzjoni tillimita lilha nnifisha fis-setgħa diskrezzjonali tagħha u ma tistax, bħala prinċipju, tmur kontra dawn ir-regoli mingħajr ma tiġi ssanzjonata, jekk ikun il-każ, għal ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt, bħalma huma l-ugwaljanza fit-trattament jew il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Diċembru 1983, Blomefield vs Il-Kummissjoni, 190/82, EU:C:1983:358, punt 20, u tad-19 ta' Lulju 2016, Kotnik *et*, C-526/14, EU:C:2016:570, punt 40).

34 F'dan il-każ, mhux biss ir-regola li tidher fil-punt 3.5.5 tal-Anness A tal-fajl dwar l-evalwazzjonijiet ġiet ippubblikata, iżda din kienet ukoll espressament riprodotta fir-rapport kontenzjuż fil-forma ta' struzzjoni mogħtija lill-evalwatur fit-termini li ġejjin: "Jekk il-kompetenzi jiġu evalwati f'livell aktar baxx mill-punteġġ meħtieġ, fejn dan il-livell jaffettwa l-prestazzjonijiet, jekk jogħġbok ipprovdi spjegazzjonijiet fit-taqsima 'Kummenti Ġenerali dwar il-kompetenzi'."

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-imsemmija regola kellha valur imperattiv, minkejja l-fatt li huwa ppreċiżat fil-fajl prattiku dwar l-evalwazzjonijiet li ma għandux valur legali.

36 Fit-tieni lok, l-EUIPO jikkritika lill-Qorti Ġenerali talli imponiet fuq l-evalwatur obbligu ta' motivazzjoni iktar oneruż minn dak meħtieġ mill-ġurisprudenza. Madankollu, kif ġie espost preċedentement, il-Qorti Ġenerali kkonstatat biss li l-EUIPO, meta adotta l-punt 3.5.5 tal-Anness A tal-fajl prattiku dwar l-evalwazzjonijiet, kien huwa stess impona fuq l-evalwaturi obbligu addizzjonali ta' motivazzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal tiegħu u fakkret li, skont il-ġurisprudenza msemmija fil-punt 33 ta' din is-sentenza, l-osservanza tal-ugwaljanza fit-trattament u tal-aspettattivi leġittimi kienet teżiġi għalhekk li dan l-obbligu jiġi osservat.

37 Fit-tielet lok, l-EUIPO jsostni li, fi kwalunkwe każ, in-nuqqas ta' motivazzjoni li huwa akkużat bih ma affettwax il-fondatezza tal-evalwazzjoni ġenerali ta' KD, b'mod li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li tali nuqqas ta' motivazzjoni kien ta' natura li jiġġustifika, waħdu, l-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni.

38 Madankollu, għandu jitfakkar li l-obbligu ta' motivazzjoni msemmi fl-Artikolu 296 TFUE u mfakkar fl-Artikolu 41(2)(c) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea huwa prinċipju essenzjali tad-dritt tal-Unjoni, li għandu l-għan, minn naħa, li jipprovdi lill-persuna kkonċernata indikazzjoni suffiċjenti sabiex tevalwa l-fondatezza tal-att li jikkawżalha preġudizzju u l-opportunità li tippreżenta rikors ġudizzjarju intiż li jikkontesta l-legalità tiegħu u, min-naħa l-oħra, li jippermetti lill-qorti tal-Unjoni teżerċita l-istħarriġ tagħha (sentenza tal-24 ta' Novembru 2022, Thunus *et* vs BEI, C-91/21 P, EU:C:2022:928, punt 81).

39 Huwa għalhekk li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-obbligu ta' motivazzjoni previst fl-Artikolu 296 TFUE jikkostitwixxi formalità sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Jannar 2022, YG vs Il-Kummissjoni, C-361/20 P, EU:C:2022:17, punt 41), li l-ksur tagħha jwassal għall-annullament tad-deċiżjoni li hija tivvizzja.

40 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet li n-nuqqas ta' motivazzjoni li jivvizzja r-rapport inkwistjoni kien jiġġustifika l-annullament tiegħu.

41 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tielet aggravju

L-argumenti tal-partijiet

42 Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-EUIPO jqis li, fil-punti 93 u 96 sa 103 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti u evalwat b'mod żbaljat il-provi tal-kawża.

43 Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali qalbet l-oneru tal-prova billi talbet lill-EUIPO jistabbilixxi li huwa kien tabilħaqq għamel it-tfakkiriet għall-osservanza tal-iskadenzi li għalihom kienet suġġetta KD matul il-perijodu ta' referenza. Barra minn hekk, l-amministrazzjoni ma hijiex obbligata tibgħat tfakkiriet jew twissijiet bil-miktub li jikkonċernaw skadenza partikolari lil membru tal-persunal kull meta jkun neċessarju.

44 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali tidher li vvizzjat ir-raġunament tagħha b'kontradizzjoni manifesta fir-rigward tad-domanda tal-eżistenza ta' dawn it-tfakkiriet fir-rigward tal-iskadenzi. Fil-fatt, minn naħa, fil-punt 100 tas-sentenza appellata, jidher li ġie meqjus li l-EUIPO kien naqas milli jipprovdi l-iċken element ta' prova intiża li tistabbilixxi r-realtà tal-imsemmija tifkiriet. Min-naħa

l-oħra, fil-punt 93 tas-sentenza appellata, hija tidher li ċaħdet bħala inammissibbli l-provi prodotti minn EUIPO fl-Annessi D1 sa D5 tal-kontroreplika għall-finijiet li tiġi prodotta prova ta' dawn l-istess tfakkiriet.

45 KDs issostni li t-tielet aggravju ma huwiex fondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

46 Fl-ewwel lok, l-ilment ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali qalbet indebitament l-oneru tal-prova, billi imponiet fuq l-EUIPO l-oneru tal-prova tar-realtà tat-tfakkiriet għall-osservanza tal-iskadenzi li s-superjur ġerarkiku kien bagħat lil KD, matul il-perijodu ta' referenza, ma huwiex fondat.

47 Fil-fatt, kif ġie deċiż b'mod kostanti mill-Qorti tal-Ġustizzja, ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni ma jimponux li tiġi prodotta l-prova ta' fatt negattiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Marzu 1988, Il-Kummissjoni vs L-Italja, 104/86, EU:C:1988:171, punt 11).

48 Konsegwentement, KD ma tistax tiġi obbligata tipproduċi l-prova li hija ma kienet is-suġġett ta' ebda tfakkira fir-rigward tal-iskadenzi matul il-perijodu ta' referenza.

49 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta qieset li l-EUIPO kellu jipproduċi tal-inqas bidu ta' prova tar-realtà ta' dawn it-tfakkiriet imsemmija fir-rapport kontenzjuż. Dan l-oneru tal-prova ma jimponix fuq l-EUIPO li jindirizza lill-uffiċjali u lill-membri tal-persunal tiegħu biss tfakkiriet jew twissijiet bil-miktub, iżda li jżomm provi ta' nuqqasijiet sinjifikattivi jew ripetuti, jekk huwa jkun jixtieq ikun jista' jinvokahom sussegwentement.

50 Fit-tieni lok, l-EUIPO jirrileva l-kontradizzjoni li biha l-Qorti Ġenerali allegatament ivvizzjat is-sentenza appellata billi kkontestat ir-realtà tat-tfakkiriet wara li ċaħdet bħala inammissibbli, fil-punt 93 tas-sentenza appellata, il-provi ta' dawn it-tfakkiriet li huwa pproduċa quddiem din il-qorti, fl-annessi D 1 sa D 5 tal-kontroreplika.

51 Madankollu, kif fakkret il-Qorti Ġenerali fil-punt 88 tas-sentenza appellata, l-Artikolu 85(1) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha jipprevedi li l-provi għandhom jiġu prodotti fil-kuntest tal-ewwel skambju ta' noti u jippreċiża, fil-paragrafu 2 tiegħu, li huma jistgħu jkunu fir-replika jew fil-kontroreplika biss jekk il-preżentazzjoni tardiva tagħhom tkun debitament iġġustifikata.

52 Issa, peress li l-elementi li l-EUIPO jqis li huma ta' natura li jistabbilixxu r-realtà tat-tfakkiriet indirizzati lil KD ġew prodotti mingħajr ġustifikazzjoni fl-istadju tal-kontroreplika, il-Qorti Ġenerali ċaħdithom bħala inammissibbli billi applikat ir-regoli fir-Regoli tal-Proċedura tagħha li ma ġewx ikkritikati fil-kuntest tal-appell.

53 Konsegwentement, billi kkonstatat li, fid-dawl tal-proċess sottomess lilha, ir-realtà tat-tfakkiriet għall-osservanza tal-iskadenzi li s-superjura ġerarkika allegatament indirizzat lil KD matul il-perijodu ta' referenza ma kinitx stabbilita, il-Qorti Ġenerali ma vvizzjatx is-sentenza tagħha la bi żball ta' liġi u lanqas b'kontradizzjoni tal-motivi.

54 Fl-aħħar nett, anki jekk jitqies li l-ilment ibbażat fuq żnaturament tal-fatti mill-Qorti Ġenerali, invokat ukoll mill-EUIPO fit-tielet aggravju tiegħu, huwa distint miż-żewġ ilmenti tal-istess motiv eżaminati preċedentement, dan l-ilment huwa, fin-nuqqas ta' spjegazzjonijiet li jippermettu li tiġi evalwata l-portata, iddestinat li jiġi miċħud bħala inammissibbli.

55 It-tielet aggravju għandu, għaldaqstant, jiġi miċħud.

Fuq ir-raba' aggravju

L-argumenti tal-partijiet

56 Permezz tar-raba' aggravju tiegħu, dirett kontra l-punti 121 sa 129 tas-sentenza appellata, l-EUIPO jqajjem l-iżball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali fl-interpretazzjoni tad-dmir ta' premura kif ukoll il-ksur minnha tal-obbligu ta' motivazzjoni tiegħu.

57 Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li l-EUIPO kellu debitament jieħu inkunsiderazzjoni l-problemi ta' saħħa ta' KD fid-dawl tal-adozzjoni tar-rapport kontenzjuż.

58 Fil-fatt, l-ewwel nett, meta l-evalwatur ma jkollux raġuni sabiex jikkunsidra li l-assenzi tal-persuna li tokkupa l-post li jkunu ġġustifikati mill-problemi tas-saħħa tagħha seta' kellhom effett sinjifikattiv fuq il-provvisti tagħha, hija ma tistax tiġi kkritikata li ma semmietx u lanqas ma ħadet inkunsiderazzjoni dawn il-problemi fir-rapport tagħha.

59 It-tieni nett, ir-rapporti ta' evalwazzjoni jidher li jevalwaw il-kompetenzi, ir-rendiment u l-kondotta fis-servizz tal-membru tal-persunal matul il-perijodu realment maħdum. Il-perijodu li matulu dan ikun assenti minħabba raġunijiet iġġustifikati (pereżempju, mard, inċident, leave parentali jew tal-familja, leave tal-maternità) jidher li jkun eskluż mill-perijodu ta' referenza. Jekk din l-assenza tkun twila jew sinjifikattiva sal-punt li jkollha impatt fuq il-prestazzjonijiet, l-għanijiet annwali tal-membru tal-persunal jistgħu jiġu adattati skont dan, jew in-nuqqas ta' twettiq tagħhom iġġustifikat.

60 It-tielet nett, id-*data* medika tidher li hija rċevuta u pproċessata direttament mis-servizz mediku tal-EUIPO u ma tkunx trażmessa lill-evalwaturi jew, b'mod iktar ġenerali, lill-amministrazzjoni. Huwa għalhekk li d-*data* personali dwar is-saħħa tal-membri tal-persunal ma tissemmiex fir-rapporti ta' evalwazzjoni.

61 Fit-tieni lok, l-EUIPO jilmenta li l-Qorti Ġenerali ma spjegatx għaliex l-evalwatur naqas mid-dmir ta' premura tiegħu u lanqas dak li dan id-dmir impona fuqu li jagħmel.

62 Fil-fatt, l-ewwel nett, l-EUIPO ma jipperċepixxix ir-raġunijiet li għalihom l-evalwatur kellu jinkludi fir-rapport kontenzjuż il-problemi tas-saħħa ta' KD, filwaqt li kellu evalwazzjoni fil-kumpless pożittiv fuq ix-xogħol ta' dan l-aħħar.

63 It-tieni nett, l-EUIPO jqis li s-sentenza appellata ma tippermettix li wieħed jifhem kif il-problemi ta' saħħa ta' KD kellhom jiġu invokati fir-rapport kontenzjuż, filwaqt li l-evalwatur ma kienx f'pożizzjoni li jevalwa l-istat ta' saħħa ta' dan il-membru tal-persunal.

64 Fl-aħħar nett, l-EUIPO jistaqsi jekk il-kunsiderazzjoni li l-Qorti Ġenerali teħtieġ li tingħata lill-problemi tas-saħħa ta' KD tippreżumix it-titjib jew l-aġġornament tal-evalwazzjoni tagħha. Jidhrilha li jkun ukoll inġustifikat li jingħata vantaġġ lil membru tal-persunal peress li kien assenti minħabba mard kif allegat fil-konfront tiegħu tali assenza.

65 KD issostni li r-raba' aggravju ma jkunx fondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

66 Għandu jitfakkar li d-dmir ta' premura jirrifletti l-ekwilibriju tad-drittijiet u tal-obbligi reċiproċi li r-Regolamenti tal-Persunal u, b'analoġija, il-Kondizzjonijiet tal-impjieg ħolqu fir-relazzjonijiet bejn l-awtorità pubblika u l-membri tal-persunal tas-servizz pubbliku. Bħad-dritt għal amministrazzjoni tajba, dan il-bilanċ jimplika b'mod partikolari li, meta tiddeċiedi dwar is-sitwazzjoni ta' membru tal-persunal, l-awtorità għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha li jistgħu jiddeterminaw id-deċiżjoni tagħha u li, b'dan il-mod, hija tieħu inkunsiderazzjoni mhux biss l-interess tas-servizz, iżda wkoll, b'mod partikolari, dak tal-membru tal-persunal ikkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' April 2021, FV vs Il-Kunsill, C-875/19 P, EU:C:2021:283, punt 98).

67 Kif iddeċidiet ġustament il-Qorti Ġenerali fil-punt 125 tas-sentenza appellata, id-dmir ta' premura jimponi fuq l-amministrazzjoni b'mod partikolari li tieħu debitament inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, problemi ta' saħħa tal-uffiċjal jew tal-membru tal-persunal ikkonċernat, meta hija tadotta r-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu.

68 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali rrilevat fil-punt 126 tas-sentenza appellata, li r-rapport kontenzjuż ma kienx jinkludi l-ebda riferiment għall-problemi tas-saħħa, għalkemm importanti, li KD iltaqgħet magħhom matul il-perijodu ta' referenza, b'mod li hija kkonkludiet ksur tad-dmir ta' premura.

69 L-EUIPO jikkritika din il-konklużjoni billi jsostni, fl-ewwel lok, li l-problemi ta' saħħa tal-uffiċjal jew ta' membru tal-persunal għandhom, jittieħdu inkunsiderazzjoni fir-rapport ta' evalwazzjoni biss fil-każ fejn l-istat ta' saħħa ta'dan l-uffiċjal jew ta' dan il-membru tal-persunal ikun iġġustifika assenzi tant twal jew frekwenti li jipprekludu li dan tal-aħħar jiġi evalwat b'mod sħiħ għall-eżerċizzju kkunsidrat.

70 Madankollu, interpretazzjoni daqstant restrittiva tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-istat ta' saħħa tal-uffiċjal jew tal-membru tal-persunal mill-evalwatur tiegħu ma tistax tiġi aċċettata, peress li l-problemi ta' saħħa tiegħu jistgħu wkoll jaffettwaw il-prestazzjonijiet tiegħu matul il-perijodi maħduma.

71 Fit-tieni lok, l-EUIPO jsostni li l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni medika tipprekludi li din tissemma fir-rapport ta' evalwazzjoni.

72 Madankollu, il-kunfidenzjalità ta' din l-informazzjoni ma tipprekludix lill-ġerarkija ta' membru tal-persunal li jbati minn marda twila u għalhekk spiss assenti milli tkun taf bil-problemi tas-saħħa tiegħu, anki mingħajr ma tkun taf in-natura eżatta tagħha.

73 F'dan il-każ, ma huwiex ikkontestat li, minn naħa, KD kienet għaddiet minn problemi serji ta' saħħa matul is-snin 2015 sal-2018 u ma kinitx għadha għelbiethom fl-2019, kif juru l-assenzi tagħha għal raġunijiet ta' saħħa matul dan il-perijodu, u li, min-naħa l-oħra, l-evalwatur tagħha kien jaf b'dawn il-problemi.

74 Għaldaqstant, il-kunfidenzjalità tad-*data* medika ma setgħetx tiġġustifika s-silenzju li hemm fir-rapport kontenzjuż dwar il-problemi tas-saħħa ta' KD.

75 Fit-tielet lok, l-EUIPO jikkritika lill-Qorti Ġenerali li kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, sa fejn hija la spjegat għaliex l-evalwatur naqas mid-dmir ta' premura tiegħu u lanqas kif il-problemi ta' saħħa ta' KD kellhom jiġu riflessi fir-rapport kontenzjuż.

76 Madankollu, kif tfakkar fil-punt 68 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali indikat, fil-punt 126 tas-sentenza appellata, fiex jikkonsisti l-ksur tad-dmir ta' premura li bih ikun vvizzjat ir-rapport kontenzjuż ma jinkludix l-inqas riferiment għall-problemi ta' saħħa ta' KD.

77 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li ma spjegatx kif l-evalwatur kellu jieħu inkunsiderazzjoni dawn il-problemi ta' saħħa, peress li n-nuqqas mid-dmir ta' premura kkonstatat fis-sentenza appellata ma jirriżultax minn teħid inkunsiderazzjoni mhux xieraq, iżda min-nuqqas ta' kull riferiment fir-rapport kontenzjuż għall-imsemmija problemi ta' saħħa.

78 Għaldaqstant, l-ilment ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali, mingħajr ma mmotivatu, għamlet il-konstatazzjoni ta' ksur mill-EUIPO tad-dmir ta' premura tiegħu jkun infondat.

79 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-raba' aggravju għandu jiġi miċħud.

80 Peress li ebda wieħed mill-aggravji ma għandhom jintlaqgħu, l-appell għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

81 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura tal-appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-istess regoli, il-parti li titlef għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-EUIPO tilef fir-rigward tal-aggravji tiegħu, hemm lok li huwa jiġi kkundannat għall-ispejjeż kif mitlub minn KD.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Firem